Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Numru. 993/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**
**vs**
**Josephine Bonello**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Josephine Bonello bint Guliano Cioffi u Maria nee’ Pulis, mwielda Zabbar fit-12 ta’ Settembru 1970 u residenti ‘Chez d’Amour’, Triq iz-Zaghrun, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 386370(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Fil-5/05/2009 ghall-habta ta’ 22.00hrs gewwa Triq is-Santwarju, Zabbar saqet vettura b’numru SUE 120

1) B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajjret u kkagunat feriti ta’ natura


Qrati tal-Gustizzja

gravi fuq il-persuna ta’ Giovanna Bonnici skond kif iccertifika Dr. Paul Scarrow (3112) mill-MDH.

2) Saqet l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikata mill-Licenzji kollha taghha tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 16 ta’ Gunju 2010 (esebita a fol. 63 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 226(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) Fl-artikoli 15(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) Fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta’ Novembru 2011, l-imputata ddikjarat li hija m’ ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fil-5 ta’ Mejju 2009 ghall-habta tal-10.00pm gewwa Triq is-Santwarju kantuniera ma’ Triq Fenice, Haz-Zabbar fejn korriet mara anzjana, certu Giovanna Bonnici, waqt li hija kienet qed taqsam it-triq wara li giet milquta minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni SUE 120 misjuqa mill-imputata Josephine Bonello.

Ikkunsidrat :

Illi Giovanna Bonnici xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta' Mejju 2010 fejn hija qalet li qabel ma qasmet hija harset fid-direzzjoni minn fejn jigu il-vetturi u ma rat xejn gej u bdiet taqsam it-triq u malli ghamlet zewg passi giet milquta mill-vettura misjuqa mill-imputata. Bonnici qalet li ma tantx kellha vizwali fit-tul minn fejn qasmet ghall-vetturi gejjin min-naha tax-xellug taghha. Hija spjegat li waqghet mal-art u bdiet thoss hafna ugiegh u ttiehdet l-Isptar fejn instab li kellha ksur f'riglejha tax-xellug f'zewg bnadi. Hija qalet li tpoggitilha splint ghaliex ma setghatx issirilha plaster peress li kienet ghadha kemm ghamlet knee replacement xi xhur qabel. Mic-certifikat mediku inserit a fol. 3 tal-atti processwali u mix-xhieda ta' Dr. Paul Sparrow li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-25 ta' Frar 2011 jirrizulta li Giovanna Bonnici kellha fracture tat-tibia u fibula tax-xellug u li dawn il-griehi kienu ta' natura gravi per durata. Mill-file mediku tal-istess Giovanna Bonnici inserit a fol. 60 tal-atti processwali jirrizulta wkoll li ftit tax-xhur qabel l-incident hjia kienet ghadha kemm ghamlet operazzjoni fejn sarilha knee replacement.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata Josephine Bonello li ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Jannar 2012 qalet li hija kienet qed issuq il-vettura taghha fi Triq is-Santwarju, Haz-Zabbar u riedet tidhol fi Triq Fenici. Hija tghid li kienet qed issuq bil-moghod u b'velocita' ta' madwar 30 jew 40 kilometru fis-siegha u malli daret ghal Triq Fenici sabet lil Giovanna Bonnici f'nofs it-triq u hija waqfet mal-ewwel. Hija tghid li Bonnici poggiet idejha mal-bonnet tal-vettura taghha u waqghet mal-art. L-imputata tispjega wkoll li minn fejn qasmet Bonnici hija blind corner ghaliex hemm telephone box li tghatti l-vizwali u qalet ukoll li fit-triq kien hemm id-dlam ghaliex kien hemm bozza maqtugha. Hija qalet ukoll li ma taqbilx mal-iskizz ghaliex fejn it-triq principali tigi kantuniera mat-triq laterali m'hijiex dritta izda hija slanting u tidjieq.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Generali ndika li tista' tinstab htija jew hitijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 226(1)(a) u (b) tal-Kodici Kriminali kif ukoll fl-Artikolu 15 (1) u (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidriha li l-istess Prosekuzzjoni ma adduciet l-ebda prova konkreta li tevidenzja l-htija tal-imputata rigward l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha. Il-Qorti jidrilha li ma ngabet ebda prova pozittiva li tindika li kien hemm eghmil traskurat jew negligenti da parti tal-imputata jew li hija altrimenti naqset mili tosserva xi regolamenti tat-traffiku. Il-Qorti tat hafna piz ghal dak li xehdet WPS 156 Sonia Parascandalo waqt l-udjenza tat-30 ta' Settembru 2011 fejn hija apparti li kkorroborat dak li qalet l-imputata u cioe' li kien hemm bozza maqtugha u li t-triq kienet mudlama qalet ukoll li a tempo vergine Giovanna Bonnici mal-ewwel qaltilha li kienet qasmet hazin u li fil-fatt messa qasmet miz-zebra crossing. Din il-Qorti fil-fatt jidrilha li Bonnici holqot sitwazzjoni ta' emergenza subitanea u imprevedibbli ghall-imputata meta hija ghazlet li taqsam minn kantuniera fejn kien hemm id-dlam fl-10 ta' filghaxijia u meta kienet taf li vetturi gejjin minn Triq is-Santwarju sabiex jidhlu ghal Triq Fenici ma setghux jarawha.

Illi mhux l-ewwel darba li l-Qrati taghna, kemm dawk ta' Gustizzja Kriminali kif ukoll dawk Civili, ezoneraw lis-sewwieq minn kull responsabbilita' ghax sabu li kienet il-persuna milquta jew imtajjra li effettivament tkun holqot sitwazzjoni ta' emergenza subitanea [u ghalhekk imprevedibbli] b'mod li s-sewwieq ikun tqieghed f'sitwazzjoni fejn ma seta jaghmel assolutament xejn biex jevita s-sinistru. Fil-kaz odjern, huwa evidenti li hadd ma jista' ragonevolment jghid li s-sewwieqa naqset jew ma kienitx prudenti kif suppost.

Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei[1]:

[1] Manuale di Diritto Penale- Parte Generaale Giuffre Milano 1989, para. 133, pp322, 323.

*"A noi sembra che per comprendere la vera essenza della colpa bisogna considerare che nella vita sociale si verificano spesso situazioni nelle quali da una attivita' diretta ad uno scopo possono derivare conseguenze dannose per i terzi. L'esperienza comune o tecnica, cioe' propria di tutti gli uomini o di una categoria di persone che esplicano una particolare attivita', insegna che in questi casi bisogna usare determinate precauzioni, onde evitare che gli interessi altrui siano pregiudicati. Sorgono per tal modo delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita' , piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possible, conseguenze nocive per I terzi. Cosi' all'imprenditore di lavori che apre una buca in una pubblica via e' prescritto di collocare certi segnali. Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innoservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sie stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera il reo di avere voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi…la nota concettuale della colpa e' data dalla imprudenza o negligenza. Il suo carattere essenziale consiste, in altri termini, nella inosservanza di preacuzioni doverose."*

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '<u>Il-Pulizija vs Alfred Caruana</u>'[2] ikkunsidrat illi *l-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkostanzi tat-traffiku imma ghandu ukoll obbligi*. Jekk il-pedestrian ikun

[2] Vol. XXXIX p.1031. 14.5.1955.

qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian;

Pronunzjamenti ohrajn elaboraw dwar sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea attwalment tavvera ruhha. Ta' relevanza partikolari ghall-proceduri odjerni hija l-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cassar Desain** fejn tali cirkostanzi gew senjalati bhala s-segwenti: '*meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina , jew li jaqsam jew jitfacca ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li* jiftaccja ghall-*gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza'.*

Il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz l-incident de quo sehh minhabba l-emergenza subitanea krejata mil-pedestrian mnhabba l-mod li bih ghazlet li taqsam it-triq u li min imkien mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni ma jirrizulta li kien hemm xi negligenza, traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------